Ġojjin (*Carduelis cannabina*) Linnet

Il-ġojjin jokkupa żona kbira, b'popolazzjoni globali li tkopri sa 10,000,000 km². Skond l-esperti tal-Birdlife International, il-popolazzjoni globali tal-ġojjini hija kbira, b'estimu ta' 20,000,000 – 57,000,000 ġojjin fl-Ewropa biss. L-awtorita' IUCN, li fl-aħħar nagħtukom aktar dettalji dwara, tikklassifika l-ġojjin bħala LEAST CONCERN.

Verdun (*Carduelis chloris*) Greenfinch

Il-verdun ukoll jokkupa żona kbira, b'popolazzjoni globali li tkopri 10,000,000 km². Skond l-esperti tal-Birdlife International, il-popolazzjoni globali tal-verdun hija kbira, b'estimu ta' 27,000,000 – 64,000,000 verdun fl-Ewropa biss. L-IUCN tikklassifika ukoll il-verdun bħala LEAST CONCERN.

Sponsun (*Fringilla coelebs*) Chaffinch

L-isponsun jokkupa żona kbira ukoll, b'popolazzjoni globali li tkopri 10,000,000 km². Skond l-esperti tal-Birdlife International, il-popolazzjoni globali ta' l-isponsun hija kbira ħafna, b'estimu ta' 270,000,000 – 480,000,000 sponsun fl-Ewropa biss. Ovvjament, l-IUCN tikklassifika l-isposun bħala LEAST CONCERN ukoll.

Gardell (*Carduelis carduelis*) Goldfinch

Il-gardell jokkupa żona kbira bħal l-oħrajn, b'popolazzjoni globali li ukoll tkopri sa 10,000,000 km². Skond l-esperti tal-Birdlife International, il-popolazzjoni globali tal-gardell hija kbira, b'estimu ta' 23,000,000 – 57,000,000 gardell fl-Ewropa biss. L-IUCN tikklassifika l-gardell bħala LEAST CONCERN.

Apparell (*Serinus serinus*) Serin

L-apparell jokkupa żona kbira, b'popolazzjoni globali li tkopri sa 10,000,000 km². Skond l-esperti tal-Birdlife International, il-popolazzjoni globali ta' l-apparell hija kbira, b'estimu ta' 17,000,000 – 40,000,000 apparell fl-Ewropa biss. L-IUCN tikklassifika l-apparell bħala LEAST CONCERN.

Ekru (*Carduelis spinus*) Siskin

L-ekru jokkupa żona kbira, b'popolazzjoni globali li tkopri 10,000,000 km². Skond l-esperti tal-Birdlife International, il-popolazzjoni globali ta' l-ekru hija kbira, b'estimu ta' 20,000,000 – 36,000,000 ekru fl-Ewropa biss. L-IUCN tikklassifika l-ekru bħala LEAST CONCERN.

Taż-Żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*) Hawfinch

Taż-Żebbuġ jokkupa żona kbira, b'popolazzjoni globali li tkopri sa 10,000,000 km². Skond l-esperti tal-Birdlife International, il-popolazzjoni globali tal-għasfur taż-żebbuġ hija kbira, b'estimu ta' 4,800,000 – 8,300,000 għasfur taż-żebbuġ fl-Ewropa biss. L-IUCN tikklassifika lil taż-żebbuġ bħala LEAST CONCERN.

Mela b'hekk s'issa rajna li dawn is-seba' speċi tal-għana li n-nassab Malti minn dejjem nasab għalihom, kemm fir-Rebbiegħa kif ukoll fil-Ħarifa, kollha ikopru żona kbira sa 10,000,000 km², u li l-popolazzjoni globali ta' dawn l-għasafar tista tlaħħaq sa 742,000,000 għasfur fl-Ewropa biss.

Il-Gamiema (*Streptopelia turtur*) Turtle Dove

Il-Gamiema tokkupa zona kbira ukoll, b'popolazzjoni globali li tinsab mifruxa fuq 10,000,000 km kwadru. Skond l-esperti tal Birdlife International, il popolazzjoni tal-Gamiema hija wahda kbira. L-istess esperti jqisu l-popolazzjoni tal-gamiema li taqbez l-14,000,000 gewwa l-Ewropa biss. B'hekk l-IUCN tikklassifika il-gamiema LEAST CONCERN ukoll.

Is-Summiena (*Coturnix coturnix*) Quail

Is-Summiena tokkupa zona kbira, b'popolazzjoni globali ukoll mifruxa fuq 10,000,000 km kwadru. Ghanda ukoll popolazzjoni globali kbira u skond l-esperti tal-Birdlife International iqisu l-popolazzjoni tas-summiena ta madwar 9,400,000 gewwa l-Ewropa biss. B'hekk l-IUCN tikklassifika is-sumiena bhala LEAST CONCERN.

U b'hekk ninnotaw li l-għasafar kollha tal-għana li nonsbu għalijhom, kif ukoll il-kaċċa prinċipali tar-Rebbiegħa tal-kaċċatur Malti, huma kollha ikklassifikati taħt il-kategorija LEAST CONCERN mill-IUCN.

*Least Concern*, kif imfissra mill-IUCN Red List (http://www.iucnredlist.org), hija klassifikazzjoni għal speċi li meta mqabbla mal-kriterji ma tikkwalifikax bħala:

- Fil-periklu imminenti li jinqered
- Fil-periklu li jinqered
- Vulnerabbli
- Kważi mhedded.

Speċi li tkun mxerrda sew u abbundanti hija inluża fil-kategorija ta' Least Concern.

Kif ukoll l-għasafar kollha li tkellimna dwarhom m'huwiex resqin lejn il-marġini tal-klassifikazzjoni 'Qed Jonqos' tal-istess IUCN Red List (cioe', jonqos aktar minn 30% f'għaxar snin jew fi żmien tliet ġenerazzjonijiet).

L-awtorita rikkonoxuta IUCN hija l-International Union for Conservation of Nature and Natural Resources, u hija sponsorjatha, fost oħrajn, mill-Kummissjoni Ewropea. Iċ-ċensimenti u l-informazzjoni tal-IUCN huma marbulha bir-reqqa u aċċettati mill-Birdlife International u minn membri ta' l-awtoritajiet dwar ir-Red List fi ħdan il-Birdlife International stess. Aħna ġbarna l-informazzjoni kollha dwar l-għasafar kollha kif għadna kif spjegajna minn dan is-sors tal-IUCN li għadu kemm ġie updated fit-18 ta' Mejju ta' din is-sena.

l-FKNK tigbed l-attenzjoni tas-sinjuri prezenti, fejn innotat informazzjoni moghtija żbaljati anke f'dan is-sit elettroniku serju. Id-disgha speci msemmija fil-kategoriji tagħhom huma mniżlin ukoll taht il-klassifika 'Native of the Republic of Malta'. Din hija informazzjoni skorretta, peress li dawn l-ispeċi ipassu BISS min fuq gżiritna, u ma' jbejtux regolarment u bl-ebda kwantita li jistgħu qatt jissejħu native jew residenzjali.

Bħala FKNK aħna diġa ġbidna l-attenzjoni dwar dawn l-iżbalji lid-diriġenti tal-IUCN u għandna suspetti serji min seta wassal tali informazzjoni skoretta għal kollox lill-IUCN.

Joe Lia
FKNK
Lulju 2008